MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 79/2009

**Dr. Franco B. Vassallo bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti Vladimir Cosic u Aart Kruimer**

**-vs-**

**Emmanuel u Mary konjuġi Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-attur *nomine* ppremetta bir-rispett:

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' xiri u bejgħ tas-16 ta' Lulju, 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, ir-rikorrenti Vladimir Cosic u Aart Kruimer xtraw mingħand l-intimat Emmanuel u Mary Camilleri l-appartament internament numerat wieħed (1) li jifforma parti mill-blokk ta' appartamenti esternament numerat mija u sitta u tletin (136), magħruf bħala Empire Buildings (ġja' Empire Flats)

fi Triq it-Torri, Sliema bid-dritt ta' użu tal-partijiet komuni tal-blokk u kif soġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u erbgħin Lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm43.75, illum ekwivalenti għal mija u wieħed Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€101.91) pagabbli lill-Uffiċċju Konġunt (Dok. VC 1).

2. Illi kontestwalment, ir-rikorrenti Cosic u Kruimer daħlu fi ftehim illi permezz tiegħu krew il-fond imsemmi lil ċertu Walter Zammit, li jiġi r-raġel ta' bint l-intimat Camilleri (Dok. VC 2). Din il-kirja ġiet xolta permezz ta' skrittura tad-9 ta' April 2008 li fiha Walter Zammit iddikjara wkoll illi huwa ma kien bl-ebda mod assenja, issulloka jew ittrasferixxa l-kirja lil terzi persuni (Dok. VC 3).

*3.* Illi fid-9 ta' April 2008 ukoll, ir-rikorrenti daħlu fi ftehim ma' l-intimati Emmanuele u Mary Camilleri, li permezz tiegħu huma tħallew jirrisjedu fl-appartament b'mera tolleranza sal-5 ta' Jannar, 2009 (VC 4). Il-kuntratt jgħid: *"The Purchasers [Cosic u Kruimer] are allowing the Vendors to continue to reside in the above-mentioned apartment under title of mere tolerance personal to them until the fifth (5th) of January, 2009".*

4. Illi r-rikorrenti, f'żewġ ittri legali ta' l-10 ta' Settembru, 2008 u l-11 ta' Diċembru, 2008 (VC5 u VC6), avżaw lill-intimati Camilleri sabiex jagħmlu l-preparamenti meħtieġa sabiex joħorġu mill-fond sad-data miftiehma.

5. Illi ċjononostante l-intimat Camilleri naqsu li jirritornaw il-pussess liberu u battal tal-fond fuq imsemmi, anke wara li ġew interpellati jagħmlu dan permezz ta' ittra tas-6 ta' Jannar, 2009 (VC 7).

6. Illi fil-fatt l-intimati għadhom sallum, jokkupaw il-fond proprjeta' tar-rikorrenti mingħajr ebda titolu.

7. Illi fil-fehma tar-rikorrent *noe* l-intimati ma għandhom ebda eċċezzjonijiet xi jressqu għat-talbiet tar-rikorrenti u illi jirrikorru l-elementi rikjesti mill-Artikoli 167

sa 170 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

8. Illi tant huwa kkonfermat li m'hemmx eċċezzjonijiet xi jressqu li l-attur Cosic irċeva komunikazzjoni proprju dan ix-xahar, minn ċertu Patrick Meli "mandatarju" ta' Walter Zammit fejn dan talbu ħlas ta' tletin elf ewro [€30,000] sabiex ma jikkontestax il-kawża purament biex itawwal il-proċeduri *nonostante* d-dikjarazzjoni li kien għamel l-istess Walter Zammit. Minn qari tat-traskrizzjoni wieħed jikkonkludi li l-konverżazzjoni ħadet xejra ta' *prima facie* rikatt (VC 8).

Għaldaqstant, ir-rikorrenti *noe* jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tisma' u tiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tiddikjara li l-intimati Emmanuel u Mary Camilleri qegħdin jokkupaw l-appartament internament numerat wieħed (1) li jifforma parti mill-blokk ta' appartamenti esternament numerat mija u sitta u tletin (136), magħruf bħala Empire Buildings (ġja' Empire Flats) fi Triq it-Torri, Sliema irregolarment, illegalment u mingħajr ebda titolu validu.

3. Tordna lill-intimati Emmanuel u Mary Camilleri jiżgombraw mill-imsemmi appartament u jirritornaw lir-rikorrenti *noe* l-pussess liberu u battal tiegħu.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-10 ta' Settembru 2008 u l-11 ta' Diċembru, 2008 u l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar 2009, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Ir-rikorrenti umilment tirriserva favur tagħha kwalunkwe dritt ieħor li jista' jispetta lilha, inkluż li tipproċedi għal kull ħlas ta' penali *ai termini* tal-ftehim esebit bħala 'VC 4' u għal danni skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li ċaħdet it-talba ta' l-intimat biex jikkontesta l-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi m'hemmx dubbju li t-talba attriċi għandha tiġi akkolta minħabba li tirriżulta ampjament u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'iressqu;

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippreffiġġi terminu ta' tlett xhur għall-iżgombrament; spejjeż jitħallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------